# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
# IMHALLEF
# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tal-Gimgha, 29 ta' Settembru, 2000**

**Numru: 3**

**Citazzjoni Numru: 1386/94 JF**

**Dr. Simon Micallef Stafrace bhala rapprezentant tas-socjeta' Formosa & Camilleri Ltd. u din bhala agenti Malta tas-socjeta' Assikurattrici estera Guardian Royal Exchange Assurance plc proprio u kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Grech & Co. Ltd.**

**vs**

**David L. Jones u Alfred J. Pollacco ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Valletta Freight Services Limited bhala trasportaturi u depozitarji**

**tal-merkanzija "de qua" u Godwin Abela u Alfred E. Aquilina ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' The Cargo Handling Company Limited.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-attur nomine li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess li s-socjeta' Grech & Co. Ltd. importat gewwa Malta konsenja ta' "lighters" fuq il-vapur Fast Three fit-18 ta' Ottubru 1993 u dan permezz ta' Trailer TLR 336500 - vjagg organizzat mis-socjeta' konvenuta Valletta Freight Services Limited.

U premess li wara li waslet din il-merkanzija u inhattet minn fuq il-vapur din giet ikkonsenjata lill-importatur, assikurat tal-attur nomine, bin-nuqqasijiet kif spjegati fid-dokument A.

U premess li ai termini tal-polza ta' assikurazzjoni bejn l-attur nomine u l-assigurat tieghu hu kellu jindennizza lill-assigurat tieghu tan-nuqqasijet li gew lilu kawzati u b'hekk issa hu gie surrogat fid-drittijiet tal-istess assigurat, kif jirrizulta mill-anness dokument.

U premess li l-assikurat tal-attur sofra nuqqasijiet fl-ammont ta' elf u tlieta u sittin lira u sittin centezmu (Lm1,063.60,0) li maghhom jizdied l-ammont ta' hamsin lira bhala survey fee (Lm50) ghalhekk danni totali

sofferti mill-attur nomine fl-ammont ta' elf mija u tlettax-il lira u sittin centezmu (Lm1,113.60,0).

U premess li l-konvenuti nomine jew min minnhom huma responsabbli ghal dawn in-nuqqasijiet.

Talab li dina l-Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenuti nomine jew min minnhom responsabbli ghan-nuqqasijiet fil-merkanzija tal-assigurat tal-attur nomine u ghad-danni ohra sofferti mill-attur nomine;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur nomine proprio u kif surrogat fid-drittijiet tal-assigurat tieghu fl-ammont ta' Lm1,113.60,0 u li ghalihom ghamel tajjeb l-istess attur.

3. Tikkundanna lill-konvenuti nomine jew min minnhom ihallas lill-attur nomine is-somma ta' Lm1,113.60,0 hekk dikjarat bhala dovuta in linea ta' danni.

   - kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez u nteressi legali mid-data tal-pagament indikat fis-surroga fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi, kontra l-konvenuti nomine.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti David L. Jones u Alfred J. Pollacco fejn eccepew bir-rispett:-

1. Illi, in linea preliminari, l-azzjoni attrici hija preskritta, ghaliex ghalkemm jidher li l-azzjoni giet prezentata entro is-sena tal-preskrizzjoni, ic-citazzjoni ma gietx notifikata lill-eccipjenti noe. entro it-terminu ta' tletin (30) jum utili biex tigi interrotta l-preskrizzjoni.

2. Illi subordinatament u fil-mertu, it-talbiet attrici huma infondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu huma diretti kontra l-eccipjenti noe, ghax kif jirrizulta mit-tally sheet (Dok. DJ) il-merkanzija kollha giet skarikata u, jekk hemm xi nuqqas, dan hu attriwibbli ghal nuqqas tal-konvenuti l-ohra.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Gowin Abela et nomine fejn eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Godwin Abela et nomine huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-merkanzija "de quo" giet sbarkata minn got-trailer Nru. 336502 bil-hsara kif jirrizulta mill-Joint Tally Sheet Nru. 69658 (Dok ED 1) anness ma' dawn l-eccezzjonijiet.

2. Illi fit-tieni lok il-konvenut Godwin Abela et nomine jissolleva li ma kienx fi kwalinkwe kaz responsabbli ghall-kwalinkwe hsarat u nuqqas allegati mis-socjeta' attrici u dana ai termini ta' l-Artikolu 86 tar-Regolamenti dwar il-Portijiet 1966. (KF 28.3.1994 Dr. Philip Manduca vs Godwin Abela - Citaz. Nru. 676/92F).

3. Illi wkoll ai termini ta' l-Artikolu 6 (3) (a) (v) (vi) tal-Ports Ordinance 1962, dan l-Artikolu jezemi lis-socjeta' konvenuta minn kull responsabilita.

4. Illi fir-raba' lok u bla pregudizzju ghall-premess ghandha tigi esebita l-polza ta' assigurazzjoni li a bazi taghha qed jigi allegat li sar il-hlas lill-importatur u ghandu jigi esebit ic-cheque li bih sar il-pagament.

5. Illi fil-hames lok u bla pregudizzju ghall-premess ghandu jigi ppruvat kif l-attur wasal ghall-ammont ta' LM1,063.60,0 bhala allegati danni.

6. Illi dwar is-survey fees hemm diversi sentenzi li jghidu "li tali fees mhux dovuti peress li l-attur ma giex surrogat ghall-istess u ghalhekk il-konvenut Godwin Abela et nomine jirreferu ghas-sentenza Dr. Robert Staines vs Godwin Abela deciza 6.4.1992 AK Nru. 112/86.

7. Illi fl-ahharnett dwar l-imghax;

   (a) dan mhux dovut lanqas stante li s-socjeta' esponenti ma giet interpellata thallas ebda ammont determinant,

   (b) qatt ma giet surrogata fl-interessi mill-assigurat taghha u hallset ghliex sostniet li kienet obbligata thallas taht polza ta' assigurazzjoni,

   (c) din titratta dwar kawza ta' danni u ghalhekk ammont ta' likwidanzi u dan jigi stabbilit biss permezz ta' sentenza u dana aktar u aktar meta s-socjeta' esponenti m'ghandha ebda

relazzjoni mas-socjeta' attrici hlief tramine polza (KAM 4.11.1994 Joseph Gerada vs Godwin Abela - Citaz. Nru. 1275/91).

8. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attur.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti u semghet lix-xhieda li giet prodotta;

Rat l-"affidavits" li gew prodotti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Trattata l-kawza;

Ikkunsidrat li din il-kawza hija dwar "marine cargo claim" istitwita mill-kumpanija assiguratrici tal-importatur, u cjoe' Grech & Co. Limited. L-attur nomine qieghed jitlob danni ghall-ammont ta' Lm1,063.60c0 relativi ghan-nuqqas ta' konsenja ("short-delivery") ta' kwantita' ta' "lighters" li kienu gew trasportati fuq il-bastiment "Fast Three" u waslu Malta fit-18 ta' Ottubru 1993. Ma' dawn id-danni qed jitlob inoltre Lm50.00co bhala "survey fee".

Illi mill-provi li gew prodotti jirrizultaw li dawn il-"lighters" kienu gew ippakkjati f'sitt (6) "cartons" tal-kartun ohxon u mqeghda fi "trailer" taht is-sistema maghrufa bhala "groupage", fis-sens li minbarra l-

merkanzija <u>de quo</u> kien hemm ukoll fl-istess trailer merkanzija ohra destinata lil terzi.

Ikkunsidrat li mill-provi l-attur nomine irnexxielu jipprova li tabilhaqq l-importatur sab li ma waslulux il-"lighters" kollha destinati ghalih imma rcieva invece numru anqas. In-numru u tip ta' dawn il-"lighters" neqsin jinsabu elenkati dettaljatament fl-iskeda tad-dokument A - a fol. 6, "a tergo", bil-prezz relativ ghal kull partita. Jirrizulta wkoll li s-socjeta' importatrici ghamlet "claim" mas-socjeta' assiguratrici fl-ammont fuq imsemmi, li din il-"claim" tidher li giet milqugha favorevolment u li l-indenizzat "a sua volta" ssurroga lis-socjeta' assiguratrici tieghu, l-attrici f'din il-kawza, fid-drittijiet tieghu. S'hawn ma hemm xejn li ma jirrizultax sufficjentement ippruvat da parti tal-attur nomine. Id-diffikulta ta' din il-vertenza tinsab invece f'dik li tikkoncerna t-talba dwar responsabbilta'. L-attur nomine harrek lis-socjeta' Valletta Freight Services Limited bhala trasportaturi u depozitarji tal-merkanzija "de quo" u lis-socjeta' The Cargo Handling Company Limited li f'idejhom ghaddiet il-merkanzija qabel ma giet definitivament rilaxxjata lill-importatur surreferit.

Fil-kors tal-kawza gew prodotti diversi xhieda u gew ukoll esebiti numru ta' dokumenti. Madanakollu, il-Qorti mhijiex konvinta li l-attur nomine ipprova sufficjentement li kien hemm responsabbilta da parti taz-zewg socjetajiet konvenuti jew ta' xi wahda minnhom. Dan ghar-ragunijiet li ser jigu moghtija aktar 'il quddiem.

Fl-ewwel lok ghalkemm huwa minnu li l-merkanzija <u>de quo</u> ingabet Malta fuq il-bastiment "Fast Three", jirrizulta li l-"lighters" mhux tassew kienu fuq it-Trailer TLR - 336500 imma fuq Trailer bin-numru 336502 -

hekk ara xhieda ta' Lawrence Brincat - depozizzjoni tal-10 ta' Ottubru 1997, u verbal tal-istess data fejn is-socjeta' konvenuta Valletta Freight Sevices Limited issollevat dan l-izball, inezattezza jew diskrepanza. Jekk wiehed jezamina l-"entry form" tad-Dwana - fol 8 - ipprezentata mill-attur nomine n-numru tat-trailer hu tassew kif moghti mill-attur ossija indikat bhala TRL - 336500, mentri jekk imbaghad wiehed jezamina t-Tally Sheet - Dok DJ - a fol. 23, isib minfok in-numru TRL - 336502 u l-istess a fol. 24. Mill-gdid, jekk wiehed jezamina l-"Groupage Manifest" - a fol. 71, Dok DD3 - esebit minn Aldo Mifsud fl-udjenza tal-25 ta' Novembru 1996, li kien ufficcjal tad-Dwana dakinhar li giet spezzjonata l-merkanzija it-trailer jinsab muri bhala dak bin-numru 336502 u mhux kif allura indikat mis-socjeta' attrici fl-att tac-citazzjoni.

Izda anke kwantu ghall-provi li jikkoncernaw ir-responsabbilta' hemm fatti rilevanti li johorgu mix-xhieda li jaghmluha ferm difficli biex torbot il-htija ma' xi wahda miz-zewg socjetajiet konvenuti, kif qed jippretendi l-attur nomine fil-premessi tal-att tac-citazzjoni.

Ix-xhud Dennis Delia, Administrative Officer mad-Dwana xehed hekk (a fol. 43)

> *"Dahlu 6 cartons u wahda minnhom kienet iddannegjata (sic) u kellha 52 packages gewwa."*

Dan ix-xhud fl-istess hin pero' esebixxa kopja tar-rapport ta' dak li sab - ara Dok. DD1, a fol. 50, li fuqu inter alia hemm imnizzel *"6 cartons lighters of which 5 cartons retaped .......".* Mistoqsi dwar din ir-rimarka, ix-xhud spjega hekk (fol. 44),

> *"...... illi dawn (i.e. il-cartons) ma gewx retaped minna jew fil-prezenza taghna, imma jidhru li gew retaped barra minn Malta u dan peress li t-tapes li qed nirreferixxi (sic) ghalihom huma differenti mit-tape originali."*

Michael Cutajar, customs officer, ukoll xehed dwar dan ir-"retaping" u jghid (fol. 81) hekk dwaru,

> *"...... Jiena l-impressjoni li hadt hi illi dawn il-kartuniet gew retaped qabel ma gew zbarkati minn abbord ghaliex il-hsarat (sic) kienet innutata kullimkien."*

Patrick Vassallo, customs officer, (fol. 82) jghid li r-"releasing officer" kien baghat ghalih *"ghaliex il-merkanzija rcevejniha f'kundizzjoni imweghra. Infatti s-sitt kaxxi kienu kollha jidhru imbaghbsa b'xi mod jew iehor."*

Jirrizulta inoltre mix-xhieda ta' Aldo Mifsud, l-ufficjal tad-Dwana inkarigat mill-kaz, li l-container li fih kien hemm il-merkanzija lanqas kellu sigilli fuqu qabel ma nhatt Malta u li skond dan ix-xhud (fol. 52) *"ix-xoghol nizel retaped."*

Darba li t-trailer li seta' garr dawn il-"lighters" lanqas gie biss issigillat abbord, difficli li jigi stabbilit x'intilef u x'ma ntilifx u meta.

Illi minbarra dan, Peter Bonello ghas-socjeta' konvenuta l-ohra The Cargo Handling Company Limited lanqas jaqbel max-xhieda l-ohrajn dwar kemm kien hemm "cartons retaped" pero' fid-deposizzjoni tieghu (fol. 94) isemmi biss *"three cartons retaped u (li) dan l-istess hu ffirmat*

*mit-tally clerk taghna u mit-tally clerk abbord."* Wara li saru sigilli lokalment dakinhar stess li waslu Malta, ix-xhud kompla hekk (fol. 95)

> *"Meta gie biex jiehu x-xoghol ghad-depost ghaliex ma gewx ghalih irrizulta illi minn ghandna hargu five cartons retaped u one carton retaped by 52 packets only, jigifieri f'kelma wahda kienu sitta retaped. Irrid nghid li dik ta' no foreign seal tfisser hafna ghalina."*

Fid-dawl tas-suespost ghalhekk, il-Qorti mhix tal-fehma li l-provi jwasslu ghall-konvinciment taghha dwar responsabbilta'. Il-funzjoni ta' gudikant mhijiex dik li jaghmilha ta' investigatur biex jipprova jiskrogita jew jinvestiga x'seta' possibilment gara. Minflok, fil-kamp civili, il-funzjoni tieghu hija dik li jevalwa l-provi kollha u jara jekk it-talba jew talbiet jirrizultawx sufficjentement ippruvata jew le, anke fi grad ta' probabilita' - imma mera possibilita' hija insufficjenti.

Ghal dawn il-motivi;

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici kif dedotti ad eccezzjoni biss tat-tieni talba riferibbilment ghall-<u>quantum</u> tad-danni sofferti minnu, bl-ispejjez kollha gudizzjarji kontra l-istess attur nomine fil-kwalita' tieghu kif premessa fl-att tac-citazzjoni.

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI

Deputat Registratur

md